

Brussell, 1 ta' April 2026
(OR. en)

7952/26

ENT 62
MI 311
COMPET 398
IND 227
TRANS 197
CONSOM 109
DELECT 65

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion:	C(2026) 1811 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'23.3.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess standardizzat għal informazzjoni dwar id-dijanjestika abbord il-vetturi u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, u r-rekwiżiti u l-proċeduri għall-aċċess sigur għal informazzjoni dijanjestika abbord

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1811 final.

Mehmuż: C(2026) 1811 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2026
C(2026) 1811 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.3.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-aċċess standardizzat għal informazzjoni dwar id-dijanjestika abbord il-
vetturi u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, u r-rekwiżiti u l-
proċeduri għall-aċċess sigur għal informazzjoni dijanjestika abbord**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2018/858¹ jirrikjedi li l-manifatturi jipprovdu lill-operaturi indipendenti aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju għal informazzjoni dwar id-dijanostika abbord (OBD, On-Board Diagnostics) tal-vetturi, tagħmir dijanostiku u tagħmir ieħor, għodod, inklużi r-riferenzi kompluti, u d-downloads disponibbli, tas-software applikabbli u informazzjoni dwar it-tiswiġa u l-manutenzjoni tal-vetturi. Ir-rekwiżiti speċifiċi u l-arranġamenti applikabbli li jirregolaw dan l-aċċess huma stipulati fl-Anness X ta' dak ir-Regolament.

Min-naħa l-oħra, ir-Regolament (UE) 2019/2144² (ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali jew GSR (General Safety Regulation)) jirrikjedi li l-manifatturi jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli relatati mal-protezzjoni kontra l-attakki ċibernetiċi³. Ir-rekwiżiti rilevanti ġew introdotti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1398⁴ b'referenza għar-Regolament tan-NU Nru 155. Madankollu, dan ir-Regolament tan-NU jipprevedi espliċitament li huwa "mingħajr preġudizzju għal (...) leġiżlazzjonijiet reġjonali jew nazzjonali oħra li jirregolaw l-aċċess minn partijiet awtorizzati għall-vettura, id-data, il-funzjonijiet u r-riżorsi tagħha, u l-kundizzjonijiet ta' tali aċċess". Għalhekk, l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli taċ-ċibersigurtà ma setgħetx tiġġustifika xi miżura li tirriżulta f'xi restrizzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi li ma kinitx espliċitament prevista fir-Regolament (UE) 2018/858.

Fis-sentenza tagħha dwar il-Kawża C-296/22, A.T.U. Auto-Teile-Unger u Carglass tal-5 ta' Ottubru 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din l-interpretazzjoni u ddikjarat li l-manifatturi tal-vetturi ma humiex permessi li jagħmlu aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi soġġetti għal kundizzjonijiet għajr dawk previsti fir-Regolament (UE) 2018/858. Il-Qorti kkonfermat ukoll li r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għaċ-ċibersigurtà tal-vetturi (ir-Regolament tan-NU 155) huma mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip dwar l-aċċess għad-data tal-vetturi, bħall-Anness X tar-Regolament (UE) 2018/858.

Il-leġiżlazzjoni eżistenti tipprevjeni lill-manifatturi tal-vetturi milli japplikaw miżuri effettivi li jipproteġu l-vettura kontra attakki ċibernetiċi relatati mal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi. Għalhekk, l-Anness X ta' dan ir-Regolament irid jiġi emendat sabiex jiżgura aċċess sigur għall-informazzjoni dwar l-OBD billi jispeċifika l-miżuri li l-manifatturi tal-

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/2024-07-01>

² Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/2026-01-07>

³ L-Artikolu 4(5)(d) tal-GSR

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1398 tal-8 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi għar-Regolamenti dwar il-Vetturi adottati fil-kuntest tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1398/oj

vetturi għandhom permess jieħdu għal dan l-għan, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà previsti fir-Regolament (UE) 2019/2144.

Barra minn hekk, jenħtiegħ li d-dispożizzjonijiet tal-Anness X jiġu aġġornati u ċċarati biex iqisu l-progress teknoloġiku u, b'mod partikolari, biex jiġu ffaċilitati aġġornamenti tas-software aktar rapidi minn operaturi indipendenti u t-tiswija u l-manutenzjoni ta' batteriji tal-vetturi u ta' vetturi b'sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieq, kif ukoll biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-informazzjoni dwar l-OBD b'mezzi oħra għajr permezz tal-konnettur standardizzati. Il-miżuri l-ġodda huma mistennija jtejbu b'mod sinifikanti r-riparabbiltà u jnaqqsu l-kostijiet tat-tiswija tal-Vetturi Elettriċi. Din l-inizjattiva tħabbret fil-Pjan ta' Azzjoni Industrijali adottat reċentement għas-settur awtomobilistiku Ewropew, li għandu l-għan li jaċċellera l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-tnejn ta' dan l-att, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet rilevanti tal-UE tal-operaturi indipendenti, fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur li saru fis-17 ta' Marzu 2025, fit-12 ta' Ġunju 2025 u fid-19 ta' Jannar 2026.

Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri approvaw l-abbozz tal-att matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri (MSEG, Member States Expert Group) li saret fit-28 ta' Jannar 2026.

F'konformità mar-regoli għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal "Semma' leħnek" għal perjodu ta' feedback ta' 4 ġimgħat bejn l-4 ta' Novembru 2025 u t-2 ta' Diċembru 2025. B'kollox, 54 parti ikkonċernata taw il-feedback tagħhom. Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-kummenti kollha li waslulha u ħadet nota tagħhom.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali ta' dan l-att delegat hija l-Artikolu 61(11) tar-Regolament (UE) 2018/858.

Ir-Regolament Delegat jemenda l-punti 1, 2, 6 u 7 tal-Anness X biex jiċċara u jispeċifika r-rekwiżiti ta' informazzjoni neċessarja għat-tiswija u għall-manutenzjoni tal-batteriji tal-vetturi u tas-sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieq, ir-rekwiżiti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti ma' pubblikaturi ta' informazzjoni teknika. Jippermetti wkoll ir-riprogrammar tal-unitajiet ta' kontroll u jqiegħed għad-dispożizzjoni l-informazzjoni OBD b'mezzi oħrajn għajr il-port OBD.

Fih ukoll modifiki għall-Appendiċijiet 2 u 3 kurrenti u jintroduċi Appendiċi 4 ġdid li jstabbilixxi b'mod partikolari l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.3.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess standardizzat għal informazzjoni dwar id-dijanostika abbord il-vetturi u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, u r-rekwiżiti u l-proċeduri għall-aċċess sigur għal informazzjoni dijanostika abbord

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 61(11) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/858 jirrikjedi li l-manifatturi tal-vetturi jipprovdu lill-operaturi indipendenti aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju għal informazzjoni dwar id-dijanostika abbord (OBD, On-Board Diagnostics) tal-vetturi, tagħmir dijanostiku u tagħmir ieħor, għodod, inklużi r-riferenzi kompluti, u d-downloads disponibbli, tas-software applikabbli u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.
- (2) L-Artikolu 4(5), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (ir-regoli tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà) jipprevedi li l-manifatturi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli dwar il-protezzjoni tal-vetturi kontra attakki ċibernetiċi. Ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri ta' ttestjar adottati għal dak l-għan jirreferu għar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 155⁷.
- (3) Madankollu, skont ir-Regolament tan-NU Nru 155, ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri ta' ttestjar previsti fih huma mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-aċċess mill-partijiet awtorizzati għall-vettura, għad-data, għall-funzjonijiet u għar-riżorsi tagħha, u l-kundizzjonijiet tat-tali aċċess:

⁵ ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj>

⁷ ĠU L 82, 9.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/387/oj>

- (4) Ir-Regolament (UE) 2018/858 jipprekludi lil manifattur tal-vetturi milli jagħti aċċess lil operaturi indipendenti għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u għal informazzjoni dwar l-OBD, inkluż aċċess għall-kitba għal dik l-informazzjoni, soġġett għal kundizzjonijiet għajr dawk stipulati fih, bħal dawk motivati miċ-ċibersigurtà.
- (5) Il-qafas legali tal-Unjoni li jirregola l-miżuri taċ-ċibersigurtà li għandhom jiġu applikati għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi ma huwiex komplut. Ir-regoli tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà jirrikjedu li l-manifatturi jipproteġu l-vetturi kontra attakki ċibernetiċi iżda jillimitaw l-effett tar-rekwiżiti tekniċi billi jispeċifikaw il-miżuri applikabbli fir-rigward tal-aċċess għad-data tal-vetturi. Min-naħa l-oħra, ir-regoli dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi ma jqsux biżżejjed iċ-ċibersigurtà. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi tal-vetturi jiffaċċjaw restrizzjonijiet legali importanti li jimpeduhom milli japplikaw miżuri effettivi li jipproteġu l-vettura minn attakki ċibernetiċi relatati mal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi.
- (6) Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-manifatturi tal-karozzi jitħallew japplikaw miżuri taċ-ċibersigurtà effettivi u proporzjonati filwaqt li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD.
- (7) Iż-żieda fit-theddiet għaċ-ċibersigurtà u l-adozzjoni relatata tar-regoli tal-Unjoni li jeħtieġu li l-manifatturi tal-vetturi jipproteġu l-vetturi kontra attakki ċibernetiċi jikkostitwixxu żviluppi tekniċi u regulatorji li jiġġustifikaw emendi bħal dawn tal-Anness X.
- (8) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jindirizzaw dawk it-theddiet filwaqt li jżommu aċċess effettiv tal-operaturi indipendenti għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/858 ikun fih il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li l-manifatturi tal-vetturi huma permessi japplikaw biex jiżguraw aċċess sigur għall-informazzjoni dwar l-OBD minn operaturi indipendenti.
- (9) Skont in-natura u l-konsegwenzi tal-aċċess imfittex, jenħtieġ li l-manifatturi tal-vetturi jitħallew jirrikjedu li l-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi użati għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD jawtentikaw l-għodda u lill-operatur indipendenti li qed ifittex aċċess jew lill-impjegat tiegħu u li jiżguraw it-traċċabbiltà billi jirreġistraw u jaħżnu l-informazzjoni rilevanti dwar tali aċċess. Jenħtieġ li, f'każijiet speċifiċi, ikunu jistgħu wkoll jirrikjedu konnessjoni mas-server tal-manifattur tal-vettura.
- (10) Biex jiġu protetti l-kundizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-operaturi indipendenti li jfittxu aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi tkun psewdonimizzata.
- (11) Sabiex il-manifatturi tal-vetturi jkunu jistgħu jimmaniġġjaw id-dipendenzi, kif meħtieġ skont ir-regoli applikabbli dwar iċ-ċibersigurtà tal-vetturi, jenħtieġ li jitħallew jivverifikaw li l-għodod dijanjostiċi u l-manifatturi tagħhom jikkonformaw mal-istandards taċ-ċibersigurtà u mal-implimentazzjonijiet tas-sigurtà rilevanti.
- (12) Fil-każ ta' inċidenti ċibernetiċi, abbuż serju jew inċidenti li jinvolvu r-responsabbiltà tal-manifatturi tal-vetturi, jenħtieġ li l-manifatturi tal-vetturi jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar każijiet speċifiċi ta' aċċess u jissospendu temporanjament, kif xieraq u taħt il-kontroll tal-awtorità tal-approvazzjoni, l-aċċess ta' għodda, u ta' operatur indipendenti jew tal-impjegat tiegħu.
- (13) Jenħtieġ lil-manifatturi tal-vetturi jipprovdu l-informazzjoni teknika neċessarja kollha lill-manifatturi ta' għodod dijanjostiċi ġeneriċi bil-quddiem biżżejjed qabel ma vettura

tiġi introdotta fis-suq biex jippermettu lil dawk il-manifatturi ta' għodod jipprovdu servizz adegwat lill-operaturi indipendenti tat-tiswijiet.

- (14) Minbarra l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal aċċess sigur għall-informazzjoni dwar l-OBD, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiffaċilita aktar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni (RMI, Repair and Maintenance Information), filwaqt li jqis il-progress tekniku.
- (15) Jenħtieġ li l-katalgu ta' informazzjoni li l-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu disponibbli jiġi ċċarat u aġġornat, b'mod partikolari b'kont meħud tal-ħtiġijiet relatati mat-tiswija u mal-manutenzjoni tal-batteriji tal-vetturi u ta' sistemi ġodda ta' assistenza għas-sewwieq.
- (16) Kull meta l-manifatturi tal-vetturi, għall-fini ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura, id-dijanostika, it-tiswija u l-manutenzjoni, il-monitoraġġ u l-ispezzjoni, jippermettu aċċess għall-fluss tad-data fil-vettura b'mezz ieħor għajr l-użu tal-port serjali tad-data fuq il-konnettur standardizzat, l-istess aċċess u informazzjoni jenħtieġ li jkunu disponibbli taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji għall-operaturi indipendenti kollha.
- (17) Filwaqt li jiġi rrikonoxxut ir-rwol tal-pubblikaturi tad-data fl-iffaċilitar tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-vetturi, jenħtieġ li r-rekwiżiti dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni tal-manifatturi tal-vetturi jiġu ċċarati ulterjorment.
- (18) Sabiex is-sewweġja indipendenti jkunu jistgħu jipprogrammaw mill-ġdid l-unitajiet ta' kontroll tal-vetturi fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk disponibbli għall-manifatturi tal-vetturi u għas-sewweġja awtorizzati, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti rekwiżiti addizzjonali għall-manifatturi biex jagħmlu software jew informazzjoni speċifiċi disponibbli għall-manifatturi indipendenti tal-għodod dijanjostiċi.
- (19) Madankollu, il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti teħtieġ li l-manifatturi tal-vetturi jimplimentaw miżuri preparatorji importanti, u għalhekk l-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li tiġi posposta biex jiġi pprovdut żmien għal żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni xieraq.
- (20) Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. B'mod partikolari, l-obbligi tal-manifatturi fir-rigward tal-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi lil operaturi indipendenti skont dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u għall-obbligi tal-manifatturi tal-vetturi, tal-manifatturi tal-għodod dijanjostiċi u tal-operaturi indipendenti skont dawk l-atti.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/2016-05-04>

⁹ Id-Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2002/58/2009-12-19>

(21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u ta opinjoni fl-20 ta' Frar 2026¹¹.

(22) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/858 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness X tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23.3.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>

¹¹ https://www.edps.europa.eu/data-protection/our-work/our-work-by-type/opinions_en